MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-26 ta’ Marzu, 2025

Appell Inferjuri Numru 70/2024 LM

**Geoffrey Pearce**
**(Passaport Malti Numru 1342168)**
**(Passaport Brittaniku Numru 534431772)**
*(‘l-appellant’)*

***vs.***

**Evolution Malta Limited (C 48666)**
*(‘l-appellata’)*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Geoffrey Pearce (Passaport Malti Numru 1342168)(Passaport Brittaniku Numru 534431772)** [minn issa ’l quddiem ‘l-appellant’] mid-deċiżjoni mogħtija fit-30 ta’ Lulju, 2024 [minn issa ’l quddiem ‘id-deċiżjoni appellata’] mit-Tribunal Industrijali [minn issa ’l quddiem ‘it-

Tribunal'], fil-Kwistjoni tax-Xoghol nru. 3985/MD fejn ċaħad it-talba tiegħu fil-konfront tas-soċjetà intimata **Evolution Malta Limited (C 48666)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellata'], u laqa' l-eċċezzjonijiet ta' din tal-aħħar.

## Fatti

2. Il-fatti ta' din il-kawża jirrigwardaw l-allegazzjoni magħmula mill-appellant ta' tkeċċija nġusta mix-xogħol tiegħu minn mas-soċjetà appellata li saret permezz ta' *email* fit-2 ta' Lulju, 2021, b'effett minn dik il-ġurnata. Huwa kien beda jaħdem mas-soċjetà appellata ħames snin qabel, fuq kuntratt indefinit datat is-17 ta' Ġunju, 2016, fuq bażi *full-time* mit-22 ta' Ġunju, 2016.

## Mertu

3. L-appellant istitwixxa proċeduri quddiem it-Tribunal fit-22 ta' Lulju, 2021, fejn talab lit-Tribunal sabiex:

> *"...jiddikjara u jiddeċiedi li it-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu mal-intimati kienet waħda inġusta u jogħġbu jagħti dawk il-provvedimenti kollha opportuni f'dan ir-rigward ai termini tal-Artikolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta inkluż li l-intimati jiġu ikkundannati iħallsu kumpens ġust."*

4. Is-soċjetà appellata wieġbet fl-4 ta' Awwissu, 2021, fejn issottomettiet li t-Tribunal kellu jiċħad it-talbiet tal-appellant.

## Id-deċiżjonijiet tat-Tribunal

5. Dawn huma l-konsiderazzjonijiet li waslu lit-Tribunal għad-deċiżjoni tiegħu tat-30 ta' Lulju, 2024:

***1. Kunsiderazzjonijiet***

*Ikkunsidra li ma kienx hemm kontestazzjoni dwar ir-risposta tas-soċjetà konvenuta mir-rikorrent.*

*Ikkunsidra li fit-30 ta' Jannar 2024 (fn. 12: A fol 573a tal-proċess) it-Tribunal ordna li ssir seduta fil-5 ta' Frar 2024 għat-trattazzjoni dwar ir-rikorsi magħmulha sabiex ikun jista' jgħaddi għad-digrieti, fejn it-Tribunal irrileva li mhux ser jieħu konjizzjoni minn fol 251 sa fol 572 tal-proċess stante li ġew mibgħuta permezz ta' email mingħajr il-permess tat-Tribunal u dan wara id-digriet tiegħu stess tal-20 ta' Marzu 2023.*

*Ikkunsidra li fis-seduta tat-28 ta' Ġunju 2024 (fn. 13: Li erronjament fil-verbal id-data qed tidher bħala 5 ta' Frar 2024) li kienet intiża sabiex jintwerew il-filmati fl-awla (fn. 14: Li jinsabu f'*pendrive *a fol 250b tal-proċess), iżda kien hemm qbil bejn il-partijiet sabiex tiġi esebita* pendrive *ġdida mir-rikorrent li ma kelliex informazzjoni fuqha sabiex issir kopja tal-informazzjoni ta' kopja ta'* pendrive *li ġiet esebita fil-kawża pendenti quddiem il-Prim'Awla Qorti Ċivili Ref Nru: 1076/2022TA u li kien hemm qbil li dik l-informazzjoni hija dik l-istess mitluba mir-rikorrent fil-kawża odjerna.*

*Jirriżulta illi r-rikorrent kien impjegat mas-soċjetà konvenuta permezz ta' kuntratt indefinit datat 17 ta' Ġunju, 2016 (fn. 15: A fol 21 et seq tal-proċess) fuq bażi* full-time *mit-22 ta' Ġunju, 2016 sakemm ġie effettivament itterminat fit-2 ta' Lulju 2021 permezz ta' email datata 2 ta' Lulju, 2021 (fn. 16 A fol 96 et seq tal-proċess) mibgħuta minn Julija Ulmane fejn senjatament qaltlu:*

> We refer to our various communications over the past days, particularly to your email today.
>
> On further examination of the documentation you have forwarded, it is clear that you are seeking to re-open a matter that is pending in the Industrial Tribunal in the case that you yourself had started against Evolution. There is nothing in the documentation that indicates that there are any new issues that need to be examined and, indeed, if the company were to re-examine the issues to which you refer, it would be rendering the Industrial Tribunal process futile.
>
> Your position is made worse by the fact that you have made unfounded allegations against HR department. Those allegations place you in the position that you have committed gross misconduct. The attitude of confrontation that you have demonstrated in your emails and in general on this matter is, likewise, unacceptable.
>
> In the circumstances, your position has become untenable and we regret to inform you that your employment is being terminated effective immediately…..

*Ir-rikorrent irribada kontinwament illi huwa talab tali laqgħa ma' Ulmane biss sabiex bħala Head of Operations tkun konxja minn dak li għadda minnu hu kemm f'Bordijiet ta' Dixxiplina, kif ukoll f'ilmenti li għamel huwa fejn ma ġiex trattat tajjeb u ma ried bl-ebda mod illi jidħol fil-mertu tal-kawża li kienet għadha pendenti quddiem it-Tribunal Industrijali bin-numru 3882/MD.*

*Illi kif ġie ritenut fil-kawża fl-ismijiet* ***Eileen Leone Ganado vs Link School of Languages Limited*** *(Appell Inf 28.4.2017), il-Qorti tenniet illi:*

> 'Ovvjament kull każ irid jiġi deċiż skont iċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu. Hi kwistjoni ta' fatt: i. jekk l-impjegat huwiex ħati ta' kondotta ħażina; fl-affermattiv jekk dik il-kondotta għandiex tagħti lok għat-tkeċċija. Sabiex jasal għal deċiżjoni f'dan is-sens ovvjament it-Tribunal irid iqis iċ-ċirkostanzi tal-każ partikolari li jkun qiegħed jiddeċiedi u li jirriżultaw mill-provi.
>
> Illi "Il-ġudikant, fil-kamp ċivili, għandu jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinduċu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex, u mhux fuq sempliċi possibilitajiet; imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed, bħala li hi bażata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. U dan għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-ħtieġa trid tirriżulta mingħajr ma tħalli ebda dubju raġonevoli."
>
> Issa għal dak li jirrigwardja 'raġuni tajba u suffiċjenti' li trid il-liġi, sabiex ikun hemm terminazzjoni tal-impjieg għal raġuni ġusta, dan it-Tribunal fir-rigward jagħmel referenza għal dak ritenut mill-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana (24 ta' Ġunju 2000 numru 8631) "per stabilire in concreto l'esistenza di una giusta causa di licenziamento che deve rivestire il carattere di grave negazione degli elementi essenziali del rapporto di lavoro ed in particolare di quello fiduciario occorre valutare da un lato la gravità dei fatti addebitati al lavoratore in relazione alla portata oggettiva e soggettiva dei medesimi alle circostanze nelle quali sono stati commessi ed all'intensità dell'elemento intenzionale dall'altro, la proporzionalità fra tali fatti e la sanzione inflitta stabilendo se la lesione dell'elemento fiduciario su cui si basa la collaborazione del prestatore di lavoro sia in concreto tale da giustificare o meno la massima sanzione disciplinare definitivament espulsiva."

*Fil-kawża* ***Emanuel Mifsud vs AX Hotels Operations Limited****, deċiża nhar it-28 ta' Frar 2020, (fn. 17: Każ Numru: 3244/14; Dr Anna Mallia) ġie ritenut li f'materja ta' tkeċċija mill-impjieg iridu jitħarsu dawn il-prinċipji rakkolti mid-duttrina Ingliża u dik kontinentali fuq is-suġġett:*

(1) L-addebitu tan-nuqqas jew tal-imġiba ħażina jrid ikun speċifiku, jiġifieri għandu jkun formulat b'mod ċar tal-aspetti essenzjali u materjali tal-fatt denunzjat. Mhux aċċettat allura li l-addebitu jkun bażat fuq sempliċi suspetti vagi jew ridott għall-allużjonijiet ġeneriċi;

(2) Ir-reazzjoni mill-prinċipal trid tkun ukoll waħda tempestiva. Jekk xejn, biex tikkonsentixxi lill-impjegat li jkollu difiża immedjata, u daqstant ieħor effikaċi, biex jilqa' għall-akkużi fil-konfront tiegħu;

(3) Il-kontestazzjoni minn min iħaddem tesiġi, b'neċessità, li tkun immutabbli, jiġifieri, li jkun hemm korrispondenza bejn il-fatt kontestat u dak miġjub 'il quddiem bħala bażi ta' akkuża u tal-azzjoni dixxiplinarja dwaru;

(4) Ta' mportanza, mbagħad, huwa l-prinċipju tal-proporzjonalità bejn l-addebitu u s-sanzjoni li tiġi kommunikata mill-prinċipal. Dan fis-sens illi l-provvediment dixxiplinarju jrid ikun in relazzjoni mal-għażla u l-miżura tas-sanzjoni u in rapport għall-gravità tan-nuqqas; s'intendi, valutata fl-entità tagħha, soġġettiva u oġġettiva. *(fn. 18: Qorti tal-Appell (sede inferjuri); Imħallef Sciberras; nhar l-1 ta' Marzu 2006; Appell Ċivili numru 1/2005; fl-ismijiet Charlot Scerri vs St Microelectronics (Malta) Limited.)*

*Mix-xhieda tar-rikorrent, ta' Julija Ulmane u Margarita Fjordorova jirriżulta li r-rikorrent kien talab laqgħa liema laqgħa saret lejn l-aħħar ta' Ġunju, 2021. Julija Ulmane fil-kariga tagħha ta' Head of Operations Malta, Belġju u Spanja qalet li r-rikorrent kien avviċinaha sabiex jaqsam informazzjoni magħha dwar kawża li kienet pendenti u esprima li jrid jaqsam iktar dettalji u saqsa għall-involviment tagħha sabiex tikkjarifika x'kien qiegħed jiġri. Waqt din il-laqgħa kien jidher ċar li l-affarijiet li ppreżenta r-rikorrent kienet rilevanti għal kawża li kienet pendenti quddiem it-Tribunal. Hi u l-kollega tagħha semgħu l-istorja tar-rikorrent u qablu li jerġgħu jaraw l-affarijiet li rrapporta fejn waqt li kienu qed jiċċekjawhom raw li ma kien hemm xejn ġdid x'jiġi investigat. Kien għalhekk li talbuh laqgħa oħra sabiex jinfurmawh bis-sejbien u l-intenzjoni kienet li jgħidulu li ser jistennew l-eżitu tat-Tribunal Industrijali. Huwa ma rreaġixxix tajjeb għal dan u beda jistaqsi kemm verament kienet qed issir b'mod tajjeb din l-investigazzjoni. Huwa kien irrispondha wkoll li ma kienx ser jiffirma xejn għax jista' jxekkel l-proċess quddiem it-Tribunal Industrijali, u li kien għadu kemm jibagħtilhom is-sottomissjonijiet u s-sommarju tal-affidavit il-ġuranta ta' qabel. Qalet li allega wkoll li kollega tagħhom li kienet taħdem bħala HR Operations, Vania Monteiro kienet biddlet* statement *magħmul minnu, filwaqt li allega li l-HR ma kienux qed jagħmlu xogħolhom tajjeb u qalilhom sabiex jfittxu lil xi ħadd imparzjali sabiex issir investigazzjoni dwar x'kien qed jagħmel it-tim. Kien għalhekk wara dawn l-*

*allegazzjonijiet kollha li raw li r-rikorrent ma kienx aktar tenibbli fil-kumpannija u dan għaliex dejjem jerġa' jqajjem il-kawża pendenti quddiem it-Tribunal Industrijali quddiem nies ġodda, jinvolvi iktar nies u l-allegazzjonijiet magħmulha minnu ma jkunux konfermati. Barra minn hekk kellha diffikultà biex tifhem x'ried eżatt, ma tahomx risposta speċifika iżda qalilhom rakkonti sħaħ ta' każijiet differenti li ġraw fl-aħħar sentejn.*

*Din il-verżjoni ġiet ikkorraborata minn Margarita Fjodorova fil-kariga tagħha ta'* Operations Manager *fix-xhieda tagħha. Hija semmiet episodju ieħor fejn ir-rikorrent semma lil ċertu Hersten. Qalet ukoll li kien semma inċident li kien seħħ fis-sena 2019 fejn kienet involuta* game presenter ta' *nazzjonalità Koreana u li għal dan l-inċident kien preżenti membru tal-istaff ieħor ċertu Raffael li kien* team manager *u għalhekk kien xhud tal-inċident. Mir-*rekords *tagħhom irriżulta li t-tnejn li huma u ċioe' kemm r-rikorrent u kemm il-*game presenter *ta' nazzjonalità Koreana kienu ingħataw* final written warning *għal sena. Fir-rigward ta' dan l-inċident r-rikorrent semma li l-persuna l-oħra kellha tagħmel apoloġija u li ma kienx ġust kif ġiet trattata s-sitwazzjoni.*

*Min-naħa l-oħra r-rikorrent fix-xhieda tiegħu qal:*

- *Huwa talab laqgħa ma' Ulmane sabiex tkun konxja tar-raġuni li fetaħ kawża quddiem it-Tribunal Industrijali u dan hekk kif irriżulta fil-laqgħa li kellhom li fil-fatt ma kienetx taf ir-raġuni;*
- *Waqt il-laqgħa ma riedx jitkellem fuq il-kawża pendenti iżda biss jekk kienux konxji li fetaħ kawża;*
- *Riedhom ikunu konxji tar-raġuni wara l-kawża u ried juriehom id-diskrepanzi fl-aħjar interess tal-kumpannija u b'mod konkret;*
- *Qalilhom li kien ippreżenta sommarju tal-affidavit tiegħu fil-każ pendenti, u l-korrispondenza ta' dak li kien ġara qabel id-deċiżjoni tal-Bord ta' Dixxiplina datata 14 ta' Frar 2020 u d-deċiżjoni mill-Appell datata 3 ta' Marzu 2020;*
- *Bagħtilhom is-sommarju u korrispondenza oħra sabiex jagħmilhom konxji tas-sitwazzjoni;*
- *Ried jurihom li l-*HR team *ma kienx professjonali;*
- *Qalilhom b'inċident ieħor tat-2 ta' Ottubru 2020 fejn Sunnyong Lee iffastidjatu ġewwa l-*canteen *(fir-raba' sular) meta qamet minn fuq il-mejda li kienet fuqha u poġġiet quddiemu fejn dawret is-siġġu biex toqgħod tiċċassa lejh b'mod vendikattiv. Hu qam u mar ħdejn ċertu Chris Robinson li kien bilqiegħda fuq it-terrazzin. Skontu Lee riedet tipprovokah. Żied jgħid illi fuq parir tal-avukat tiegħu huwa ma kienx irrapporta dan l-inċident;*

- *Għalkemm bagħat biss is-sommarju tal-affidavit ppreżentat quddiem il-każ li kien pendenti quddiem it-Tribunal Industrijali, fit-tieni laqgħa kellu l-intenzjoni li juri lil Ulmane x'kien qed jiġri fid-Dipartiment tal-HR u dan mingħajr preġudizzju għal każ pendenti, iżda ried lill-avukat tiegħu preżenti għaliex kien imbeżżża' li ser jgħidulu biex jiffirma xi ħaġa li ma jifhimx l-importanza tagħha;*
- *Meta semma lill-avukat tiegħu keċċewh mill-ewwel;*
- *Irrileva li kienet stramba u li kienet ammettiet Ulmane stess li kienet stramba li ma għaddewliex is-sommarju tal-affidavit;*
- *Hu ma riedx li tinbidel id-deċiżjoni tal-Bord iżda kien qed jilmenta għal mod kif saret l-investigazzjoni liema stadji kienu qed jiġu miksura f'kull stadju u dan għaliex ma ħallewhx jara l-i*statements *tax-xhieda, u jagħmel il-kontro-eżamijiet;*
- *Waqt il-Bord ta' Dixxiplina fejn kien hemm l-inċident ma' Lee huwa nesa li kien ippreżenta* incident report *u wara li ta x-xhieda tiegħu ftakar u bagħtu lil Bord fejn Vania Monteiro kienet taf bih u ma qalet xejn;*
- *Spjega li Monteiro kitbet rapport fuq l-inċident li seħħ bejnu u bejn Lee li ma kienx jaqbel mal-filmati esebiti, u għalhekk kien hemm* character damage*. Ir-rapport baqa' ma ġiex emendat u dan intenzjonalment;*
- *Alisdair Walton bħala Head of Security, Evolution, Malta għamel ta' bir-ruħu li ma kienx jaf ma' min kien qed jitkellem, meta hu kien qed jitkellem ma' Rafael Moraito fuq il-filmat u dan meta kienu qed jaraw l-istess filmat fl-istadju tal-Appell fit-3 ta' Marzu 2020;*
- *Huwa kien mar fuq Rafel Moraito qabel ma seħħ l-inċident ma' Lee iżda Monteiro ma semmitiex fir-rapport;*
- *L-ewwel offendietu Lee, imbagħad irritalja liema verżjoni ma ssemmitx fir-rapport ta' Monteiro;*
- *Monteiro konstantement bdiet tgħidlu biex jiffirma l-verżjoni ttajpjata mingħajr ma ttih ċans jaqra r-rapport, fejn effettivament qrah u ra li hi u ammettiet kienet biddlet il-kelma* invasive*, li kien uża hu, mal-kelma* evasive *fejn effettivament reġgħet bidlitha u għamlitha* invasive*;*
- *Il-*Human Resources *u l-avukat Julia Simonsson ġabu ruħhom b'mod li kisru r-regolamenti tal-Manwal tal-kumpannija;*
- *Ma jistax jifhem kif tkeċċa meta il-Bord tal-Appell fit-2 ta' Marzu 2020 kkonfermaw id-deċiżjoni tal-Bord ta' Dixxiplina fejn ingħata* last and final warning *li tibqa' valida għal sena u mbagħad jerġa' jkollu* clean slate *u Ulmane ma tatux* warning *meta suppost kellu jingħata* warning*;*

- The attitude of confrontation *min-naħa tiegħu kien wieħed emozzjonali għaliex hu fdahom għad-detriment tiegħu. Huwa kien qed ikun kawt u ma riedx li jerġa' jgħaddi minn trawma oħra li jkun* bullied *bħal ma ġralu fil-bordijiet ta' dixxiplina;*
- *Huwa għadda l-affidavit lil Julija Ulmane fit-22 ta' Ġunju 2021, filwaqt li għadda l-istess affidavit u dokumenti lil Margarita Fjodorova fl-1 ta' Lulju 2021 fuq rikjesta tagħha stess fejn fl-istess ġurnata talbuh laqgħa għat-2 ta' Lulju 2021 u għalhekk staqsa kif setgħet tara xi ħaġa li kienet għadha ma rċivitx;*
- *Huwa ma talabx għal apoloġija mingħand Lee iżda li kellha titlob apoloġija u dan għaliex hi bdiet toffendih l-ewwel, fost affarijiet oħra u dan qalu sabiex huma jkunu konxji ta' min beda l-problemi l-ewwel u mhux bħala soluzjoni;*

*Huwa ritenut illi:*

> "In tema legali jiġi osservat li huwa prinċipju assodat fil-ġurisprudenza li f'każ ta' żewġ verżjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bażi għal prinċipju li onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat. Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fiċ-ċitazzjoni. Mill-banda l-oħra però, il-grad ta' prova rikjest fil-kamp ċivili, b'differenza minn kawżi kriminali fejn il-liġi tesiġi li l-prova tal-ħtija għandha tirrizulta mingħajr dubju raġonevoli, fil-kamp ċivili huwa biżżejjed li jkun hemm ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant. Din iċ-ċertezza morali rikjesta f'kawża ċivili hija l-effett tal-bilanċ tal-probabilitajiet. Mera possibilità mhux suffiċjenti biex tirradika r-responsabilità ċivili." – (**Giordmaina Medici et vs Rizzo** – 28.4.2004)

*F'dan il-każ il-ġudikant huwa ggwidat mill-insenjament mogħti fis-sentenza fl-ismijiet **Farrugia vs Farrugia** mogħtija fl-24 ta' Novembru 1966 fejn kien ingħad hekk: (fn. 19: Rik Nru. 101/2010JPG)*

> "Il-konflitt fil-provi huwa ħaġa li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti għaliha. Il-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda miż-żewg verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosomiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant. Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli fil-Qorti f'dak l-istat ta' perpelessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola in dubio pro reo."

*L-ewwel li ser jiġi ttrattat huwa inċident ma' ċertu Jessica Desira li allegtament qalet kummenti diżgustanti fuqu* on live camera *(fn. 20: Kontro-eżami tar-rikorrent a fol*

*220 tal-proċess). Jirriżulta li tali filmati li jirrigwardjaw dan l-inċident ġew esebiti (fn. 21: Filmati u dokumenti jinsabu f'*pendrive *esebita a fol 579 tal-proċess) bl-ismijiet* Jessica Desira Video Part 1 August 2019 *u* Jessica Desira Video Part 2 August 2019*, fejn għal kull buon fini lit-Tribunal irriżultalu li kien hemm tlett (3) persuni ta' sess femminili, u t-tieni persuna li tidher fil-filmat senjatament* part 1 *kienet qed titkellem u fejn fost affarijiet oħra u li kienu jinftiehmu, kien hemm kumment fis-27.48* unfortunately I'm over 18 and is not considered to be bad. That was a bad joke… *Għalkemm ma jirriżultax li kien jidher ir-rikorrent fil-filmat, anke jekk għas-saħħa tal-argument, ir-rikorrent kien qed jirreferi għal dan il-kumment, jirriżulta li saret investigazzjoni interna mis-soċjetà konvenuta fuq l-inċident li seħħ fl-1 ta' Awwissu 2019 li permezz ta' ittra datata 14 ta' Frar 2020, ir-rikorrent ġie informat li:*

> Following several meetings held in regard to the incident which occurred on Thursday, 1st August 2019 and after myself examining the video footage preserved, the transcripts of all statements collected and the emails you wrote, I have concluded that the findings of the original grievance hearing should be upheld and no further action should be taken.

*Liema ittra ġiet iffirmata minnu.*

*Illi għalhekk jirriżulta li din kienet investigazzjoni interna u jekk kienu ser jittieħdu proċeduri, kienu ser ikunu fil-konfront tal-istess persuna imsemmija Jessica Desira u mhux fil-konfront tar-rikorrent.*

*Jirriżulta wkoll li r-rikorrent kien għadda proċeduri dixxiplinarji, minn liema deċiżjoni huwa kien appella quddiem il-Bord tal-Appell, fejn il-Bord tal-Appell ikkonferma d-deċiżjoni appellata fid-9 ta' Marzu 2020 fejn ir-rikorrent ingħata* final written warning *(fn. 22: Dokumenti jinsabu f'*pendrive *esebita a fol 579 tal-proċess). Ir-rikorrent fir-rigward ta' dan il-Bord ta' Dixxiplina għamel diversi allegazzjonijiet fosthom li huwa ried bħala xhud lil Rafael Morato Rodriguez. Għal kull buon fini it-Tribunal jagħmel referenza għall-i*statement *tax-xhud Morato Rodrigues (fn. 23: Ibid.) fejn hu semma illi ma setax jiftakar jekk ir-rikorrent marx ikellmu qabel u ta l-verżjoni tiegħu. Illi in oltre jirriżulta kemm mix-xhieda tiegħu kif ukoll mill-i*statements *esebiti li kien hemm kliem insulenti min-naħa tat-tnejn u għalhekk it-Tribunal ma jarax li r-rapport kif ġie redatt huwa ħażin u dan għaliex dak miktub jirrifletti l-i*statements *mogħtija mix-xhieda. Jirriżulta wkoll mix-xhieda ta' Fjordorova li anke Lee għaddiet proċeduri dixxiplinarji u ngħatat twissija. Oltre, minn hekk ir-rikorrent issottometta illi kienet għaddiet sena minn dik il-*warning *u għalhekk ma jistax jifhem għaliex ġie tterminat minflok ingħata* warning.

*B'referenza għal* Handbook *senjatament it-Titolu* My Performance and Conduct *(fn. 24: Paġna 39 tal-*Handbook*, a fol 65 et seq tal-proċess) fejn hemm referenza għal* Misconduct *u* Gross Misconduct*. Julija Ulmane fl-*email *mibgħuta minnha tgħid illi l-aġir u l-allegazzjonijiet tiegħu jikkawżaw* Gross Misconduct*.*

> *Il-Handbook jgħid li* gross misconduct is serious misconduct that may lead to summary dismissal for the first offence. *(fn. 25: Sottlinear tat-Tribunal)* While it is not possible to list all of the circumstances that would constitute Gross Misconduct, the following list includes examples of those that would be considered serious enough to justify summary dismissal (i.e. without notice or payment in lieu of notice):
>
> …
>
> If you are suspected or accused of gross misconduct, then depending upon the nature and/or seriousness of the misconduct, the Company may decide that it would be appropriate to suspend you on full pay, which will no longer than is reasonably necessary, while the alleged offence is being investigated. During this period of suspension, you must not attend the office…

*Is-sub titolu* Order of the Disciplinary Stages *jipprovdi li:*

> normally, for performance issues, each of the four stages will be followed consecutively. However, if an Employee's unsatisfactory performance – or its continuance – is sufficiently serious, for example because it is having, or is likely to have, a serious harmful effect on the organisation…
>
> In the case of gross misconduct (being drunk at work or some rude actions against the company interests) or serious breach of the Contract of Employment or Company Policy, you may be dismissed instantly, without notice or payment in lieu of notice. Alternatively, it may impose a penalty short of dismissal, including, but not limited to: demotion, loss of salary increment. *(fn. 26: Sottolinear tat-Tribunal)*

*Għalhekk skont dak kif imniżżel fil-*handbook *il-kumpannija setgħet tittermina lir-rikorrent b'mod immedjat.*

*It-Tribunal issa ser jgħaddi sabiex jara r-raġuni għal din it-terminazzjoni u jekk kienx jimmerita li jiġi tterminat b'mod immedjat.*

*Ulmane iddikjarat illi r-rikorrent ġie tterminat b'effett immedjat wara li saret laqgħa fuq talba tar-rikorrent stess fejn hu semma diversi sitwazzjonijiet li kienu mertu ta' kawża oħra pendenti quddiem it-Tribunal Industrijali, beda jdaħħal iktar nies, u milli raw ma kien hemm xejn oltre minn dak li ġie ddikjarat fil-kawża pendenti. Oltre minn*

*hekk raw li kien qed jagħmel ċertu allegazzjonijiet fuq membri tal-maniġment liema allegazzjonijiet ma ġewx pruvati.*

*Mill-affidavit u l-kontro-eżami tar-rikorrent filwaqt li hu rribada kontinwament li hu ma riedx ixekkel l-kawża pendenti iżda ried biss iġib lil Ulmane konxja ta' dak li kien qed jiġri fil-kumpannija, jirriżulta li effettivament huwa beda jsemmi kontinwament il-kawża pendenti, kif ukoll ammetta li bagħat is-sommarju tal-affidavit tiegħu, kif ukoll dokumenti oħra li jirrigwardjaw il-każ pendenti, u żied li ried iġibhom konxji ta' nuqqasijiet oħra fil-kumpannija. Jirriżulta li r-rikorrent semma u għamel referenza għalihom huwa stess li l-każ li ġie investigat b'mod intern u li effettivament irċievha risposta, li effettivament iffirma, il-każ ta' dixxiplina kif ukoll l-appell minn tali deċiżjoni tal-inċident li kellu ma' impjegata oħra Sunnyong Lee, li kien ilu magħluq mid-9 ta' Marzu 2020. Kontinwament, jallega li l-HR ta' dak iż-żmien ċertu Monteiro ma niżlitx dak li qalilha huwa u saħansanitra bidlet kelma li uża hu minn* invasive *għal* evasive*, fejn mir-rapport esebiet u kif ukoll fuq ammissjoni tiegħu l-kelma effettivament fir-rapport tniżżlet bħala* invasive. *Baqa' jsemmi filmati li jirrigwardjaw kemm l-investigazzjoni interna u kemm dak li jirrigwardja id-dixxiplina. Hu ikkritika wkoll membri oħra tal-maniġment fost oħrajn lil Alisdair Walton, u lill-avukat Simmons. Qal li dan għamlu b'intenzjoni tajba, iżda t-Tribunal ma jistax ma jsaqsix kif kellu intenzjoni tajba jekk saru dawn l-allegazzjonijiet kollha fil-konfront ta' kulħadd u li ma riedx li jidħol fil-mertu quddiem il-każ pendenti quddiem it-Tribunal Industrijali, meta hekk kif jirriżulta il-każ kien għadu pendenti. Min-naħa tar-rikorrent baqa' jsostni li hu ried lill-avukat miegħu għat-tieni laqgħa ma' Ulmane u Fjordorova għaliex ma riedx li jiffirma xi ħaġa li ma jkunx jaf l-importanza tagħha, iżda t-Tribunal ma jistax jifhem għaliex meta mar għall-ewwel laqgħa ma ħassx il-ħtieġa li jkun akkumpanjat mill-avukat filwaqt li fit-tieni laqgħa meta qalulu biex jiltaqgħu* to share conclusions *iddeċieda li ma riedx jippreġudika l-kawża pendenti. Jirriżulta illi r-rikorrent filwaqt li fix-xhieda tiegħu jirribadixxi kontinwament li ma riedx jidħol fil-mertu tal-kawża pendenti, min-naħa l-oħra jgħid li ma riedx li l-kawża tiġi preġudikata, iżda jagħmel referenza għal inċidenti li kellhom ikunu mertu tal-kawża pendenti.*

*Bħala episodju ieħor li seħħ wara l-Bord ta' Dixxiplina ma' Lee, ir-rikorrent qal li kien għal kwiet fil-*canteen *fir-raba' sular u marret Lee bilqiegħda eżatt faċċata tiegħu, liema episodju jirriżulta mill-filmat esebiet u intitolat* Oct 2020 Canteen Corner Video Footage Sunyoung Lee Case *(fn. 27: Filmat jinsab f'*pendrive *esebita a fol 579 tal-proċess). Però ir-rikorrent ddikjara wkoll li huwa kellu parir mingħand l-avukat sabiex ma jagħmilx rapport. Allura t-Tribunal jerġa' jistaqsi, il-maniġment kif seta' jkun jaf x'ġara meta huwa ma marx jagħmel ilment dwar dan l-inċident.*

*Ulmane qalet illi kellu* attitude of confrontation *fejn ir-rikorrent spjega li meta ltaqa' magħhom kien emozjonali, u għaliex kien imweġġa' bis-sitwazzjoni kif kien imdawwar biha. Dan it-Tribunal kellu l-opportunità illi josserva l-attitudni tar-rikorrent liema attitudni kienet tkun pjuttost konfrontali mat-Tribunal ukoll.*

*Jirriżulta wkoll li minkejja li għamel diversi allegazzjonijiet fuq il-maniġment u kienet waħda mir-raġunijiet għaliex ġie tterminat, ir-rikorrent naqas milli jressaq tali xhieda sabiex jissostanzja l-allegazzjonijiet tiegħu.*

***Konklużjoni***

*Wara li t-Tribunal ra u kkunsidra l-i*statements *tal-każ tal-partijiet, sema' u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti, u s-sottomissjonijiet finali tal-partijiet, jasal għal-konkluzjoni, li r-raġuni tat-tkeċċija kienet waħda ġusta tenendo kont illi minkejja li baqa' jirribadixxi li ma riedx jidħol fil-kwistjoni pendenti quddiem it-Tribunal Industrijali, il-maggjor parti tal-affarijiet imsemmija minnu kienu mertu ta' kawża pendenti imressqa minnu stess u jirriżulta li għamel diversi allegazzjonijiet dwar il-maniġment liema allegazzjonijiet ma ġewx pruvati."*

## <u>L-Appell</u>

6. L-appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fit-12 ta' Awwissu, 2024, fejn qiegħed jitlob lil din il-Qorti sabiex jogħġobha:

1) ***TIRREVOKA u TĦASSAR*** *id-deċiżjoni appellata tat-Tribunal Industrijali datata nhar it-30 ta' Lulju 2024 fl-*intier *tagħha; u*
2) ***TIDDIKJARA*** *illi t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti appellant kienet inġusta ai termini tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta; u*
3) ***TIKKUNDANNA*** *lis-soċjeta intimata appellata tħallas kumpens ġust lil l-appellant;*

   *Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjeta intimata appellata."*

Jgħid li l-aggravji tiegħu huma dawn: (a) it-Tribunal għamel apprezzament żbaljat tal-provi; (b) huwa ġie mċaħħad mid-dritt fundamentali tiegħu ta' smigħ xieraq *ai termini* tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, u s-

subartikolu 39(6) tal-Kostituzzjoni ta' Malta; u (ċ) it-Tribunal naqas li jaderixxi ruħu mal-prinċipji ta' mġiba amministrattiva tajba.

**Ir-Risposta**

7. Is-soċjetà appellata wieġbet fid-29 ta' Ottubru, 2024, fejn qiegħda ssostni li l-appell odjern għandu jiġi miċħud, bi spejjeż doppji kontra l-appellant.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex qabel xejn tistħarreġ jekk l-appell odjern huwiex ammissibbli *ai termini* tas-subartikolu (3) tal-artikolu 82 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta. Is-soċjetà appellata tissuġġerixxi li saħansitra l-intestatura tal-ewwel aggravju tindika li dan ma jittratta l-ebda punt ta' dritt, u dan huwa kkonfermat minn qari tas-sottomissjonijiet tal-appellant li jsegwu. Il-Qorti tikkondividi dan ir-raġunament. Tirrileva li taħt is-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452 huma permessi biss appelli mid-deċiżjonijiet tat-Tribunal fuq punti ta' liġi, u l-ewwel aggravju tal-appellant ma jissolleva l-ebda kwistjoni ta' liġi li għandha tiġi deċiża minn din il-Qorti. L-appellant hawnhekk jagħmel biss sottomissjonijiet fil-mertu, li skont is-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452 ma jistgħux isiru quddiem din il-Qorti. Għaldaqstant il-Qorti hija prekluża milli tieħu konjizzjoni ta' dan l-ewwel aggravju tiegħu.

9. Għal dak li jirrigwarda t-tieni aggravju tal-appellant, fejn huwa qiegħed jikkontendi li ġie mċaħħad mid-dritt ta' smigħ xieraq quddiem it-Tribunal u senjatament ta' smigħ fi żmien raġonevoli, il-Qorti tgħid li hawnhekk ukoll hija m'għandha l-ebda kompetenza sabiex tiddeċiedi l-ilment tiegħu. Barra minn hekk

safejn dan l-aggravju jolqot l-allegat nuqqas tat-Tribunal li jikkunsidra l-fatti kollha tal-każ odjern u l-verżjoni li ta l-istess appellant, il-Qorti tgħid li d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452 huma ċari, u ma jippermettux li hija tistħarreġ l-ilment tal-appellant.

10. It-tielet aggravju tal-appellant jittratta l-allegata nullità tad-deċiżjoni appellata, għaliex skont hu t-Tribunal naqas milli jħares il-prinċipji ta' mġiba amministrattiva tajba, meta warrab il-prinċipju ta' ġustizzja naturali *audi et alteram partem,* u naqas li jeżamina kull punt li huwa ressaq, kemm fattwali kif ukoll legali. Il-Qorti tgħid li kkunsidrati s-sottomissjonijiet li jagħmel, jirriżulta li hawnhekk wkoll l-appellant mhuwiex qiegħed jittratta xi punt ta' liġi, iżda qiegħed biss jispjega l-fehmiet differenti tiegħu minn dawk tat-Tribunal fir-rigward tal-fatti tal-każ odjern.

11. Fl-aħħar paragrafu tiegħu, l-appellant jallega li t-Tribunal naqas li jagħti motivazzjoni tajba għad-deċiżjoni tiegħu. Iżda l-Qorti tagħraf li l-appellant m'għandux raġun, għaliex issib li d-deċiżjoni tat-Tribunal hija motivata tassew tajjeb u l-Qorti setgħet issegwi sew ir-raġunament tiegħu. Għaldaqstant il-Qorti ma ssibx li l-ilment tal-appellant huwa ġustifikat, u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti filwaqt li tiċħad l-ilment tal-appellant li d-deċiżjoni appellata mhijiex motivata, tiddikjara li l-kumplament tal-appell tiegħu huwa irritu u null, u tastjeni milli tieħu konjizzjoni tiegħu.**

**L-ispejjeż tal-proċedura odjerna għandhom ikunu a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**